

Brussell, 5 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8758/26  
ADD 1

LIMITE

CORLX 407  
CFSP/PESC 607  
COAFR 108  
COARM 62  
CONUN 61

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/450/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan - Anness

---

*Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/450/PESK, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:*

"11. **QUIJANO BECERRA, Alvaro Andres**

**Deżinjazzjoni:** Fundatur tal-Aġenzija Internazzjonali tas-Servizzi (A4SI).

**Data tat-twelid:** 18 ta' Lulju 1967.

**Post tat-twelid:** Bogota, Colombia.

**Nazzjonalità:** (a) il-Kolombja; (b) l-Italja.

**Sess:** Raġel.

**Passaport:** (a) in-numru tal-Kolombja AP628498; (b) in-numru tal-Italja YB7731256 (Jiskadi fl-1 ta' Marzu 2031).

**Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Nru tas-Cedula tal-Kolombja 80413253.

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 28 ta' April 2026.

**Raġuni għall-elenkar:**

Alvaro Andres Quijano Becerra ġie elenkat fit-28 ta' April 2026 skont il-paragrafu 3(c) tar-riżoluzzjoni 1591(2005).

**Informazzjoni mit-taqsisra narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

*Alvaro Andres Quijano Becerra (Quijano) qed jiġi ddeżinjat għall-involviment f'azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà ta' Darfur.*

*Quijano għandu rwol ċentrali fir-reklutaġġ u l-iskjerament ta' eks persunal militari Kolombjan fis-Sudan. L-evidenza bil-vidjo u dik fotografika turi li dan il-persunal militari jipprova lill-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF) b'għarfien espert tattiku u tekniku, li jservi bħala artillerija u infanterija, bdoti tad-droni, operaturi tal-vetturi, u għalliema, b'xi wħud saħansitra jħarrġu lit-tfal biex jiġġieldu fl-RSF.*

*Il-ġellieda Kolombjani pparteċipaw f'għadd ta' battalji madwar is-Sudan, fosthom fil-belt kapitali tiegħu, Khartoum, kif ukoll f'Omdurman, Kordofan, u El Fasher.*

*Quijano, eks assoċjat ta' Notre del Valle Cartel ibbażata fil-Kolombja, huwa appoġġat minn network ta' assoċjati u kumpaniji li jispeċjalizzaw fir-reklutaġġ ta' ġellieda u fl-iffaċilitar tal-moviment ta' fondi relatati mal-iskjerament tagħhom. Quijano waqqaf b'mod konġunt aġenzija tal-impjiegi, l-Aġenzija Internazzjonali tas-Servizzi (A4SI), li hija n-nodu ewlieni ta' reklutaġġ, li involviet ruħha f'kampanji permezz tas-sit web tagħha, chats fi grupp, u muniċipji biex timla l-pożizzjonijiet, fosthom l-operaturi tad-droni, is-snipers, u t-tradutturi. Bejn it-350 u t-380 ġellieda Kolombjani, l-aktar suldati rtirati, ġew reklutati permezz ta' diversi ditti privati tas-sigurtà, inkluż l-A4SI.*

*Individwi u entitajiet elenkati relatati*

*Claudia Viviana Oliveros Forero (SDi.013), Mateo Andres Duque Botero (SDi.014).*

12. **OLIVEROS FORERO, Claudia Viviana**

**Deżinjazzjoni:** Sid u maniġer tal-Aġenzija Internazzjonali tas-Servizzi (A4SI).

**Data tat-twelid:** 2 ta' Jannar 1973.

**Post tat-twelid:** Bogota, Colombia.

**Nazzjonalità:** Il-Kolombja.

**Sess:** Mara.

**Passaport:** Numru tal-Kolombja AZ321704 (Jiskadi fl-20 ta' Lulju 2032).

**Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Nru tas-Cedula tal-Kolombja 52252815.

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 28 ta' April 2026.

**Raġuni għall-elenkar:**

Claudia Viviana Oliveros Forero ġiet elenkata fit-28 ta' April 2026 skont il-paragrafu 3(c) tar-risoluzzjoni 1591(2005).

***Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:***

*Claudia Viviana Oliveros Forero (Oliveros) qed tiġi ddeżinjata għall-involviment f'azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà ta' Darfur.*

*Oliveros għandha rwol ċentrali fir-reklutaġġ u l-iskjerament ta' eks persunal militari Kolombjan fis-Sudan. L-evidenza bil-vidjo u dik fotografika turi li dan il-persunal militari jipprova lill-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF) b'għarfien espert tattiku u tekniku, li jservi bħala artillerija u infanterija, bdoti tad-droni, operaturi tal-vetturi, u għalliema, b'xi wħud saħansitra jħarrġu lit-tfal biex jiġġieldu fl-RSF.*

*Il-ġellieda Kolombjani pparteċipaw f'għadd ta' battalji madwar is-Sudan, fosthom fil-belt kapitali tiegħu, Khartoum, kif ukoll f'Omdurman, Kordofan, u El Fasher.*

*Oliveros hija s-sid u l-maniġer ta' aġenzija tal-impjiegi, Aġenzija Internazzjonali tas-Servizzi (A4SI), li hija n-nodu ewlieni ta' reklutaġġ, li involviet ruħha f'kampanji permezz tas-sit web tagħha, chats fi grupp, u muniċipji biex timla l-pożizzjonijiet, fosthom l-operaturi tad-droni, is-snipers, u t-tradutturi. Bejn it-350 u t-380 ġellieda Kolombjani, l-aktar suldati rtirati, ġew reklutati permezz ta' diversi ditti privati tas-sigurtà, inkluż l-A4SI.*

*Individwi u entitajiet elenkati relatati*

*Alvaro Andres Quijano Becerra (SDi.012) Mateo Andres Duque Botero (SDi.014).*

13. **DUQUE BOTERO, Mateo Andres**

**Data tat-twelid:** 7 ta' April 1975.

**Post tat-twelid:** Bogota, Colombia.

**Indirizz:** Calle 77 9 76 APT 302, Bogota, Colombia.

**Nazzjonalità:** (a) il-Kolombja; (b) Spanja.

**Sess:** Raġel.

**Passaport:** (a) Numru tal-Kolombja AS272175 (Skada fil-31 ta' Marzu 2026); (b) Numru ta' Spanja

XDD789846; (c) Numru tal-Kolombja BF868819 (Jiskadi fl-1 ta' Marzu 2035).

**Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Nru tas-Cedula tal-Kolombja 79782423.

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 28 ta' April 2026.

**Raġuni għall-elenkar:**

Mateo Andres Duque Botero ġie elenkat fit-28 ta' April 2026 skont il-paragrafu 3(c) tar-riżoluzzjoni 1591(2005).

***Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elekar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:***

*Mateo Andres Duque Botero (Duque) qed jiġi ddeżinjat għall-involviment f'azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà ta' Darfur.*

*Duque għandu rwol ċentrali fil-finanzjament ta' eks persunal militari Kolombjan fis-Sudan. Huwa jimmaniġġja l-Maine Global Corp, li timmaniġġja u tiżborża fondi għal Global Staffing (issa Talent Bridge) u l-kumpanija li timpjega persunal militari Kolombjan, bl-appoġġ ta' ditti bbażati fl-Istati Uniti assoċjati ma' Duque. Dan jinkludi l-ipproċessar tal-pagamenti tal-pagi għall-ġellieda Kolombjani u li jservu bħala intermedjarju tal-kambju, il-konverżjoni tal-euro u tal-pesos Kolombjani f'dollari Amerikani. Fl-2024 u l-2025, ditti bbażati fl-Istati Uniti assoċjati ma' Duque kienu involuti f'bosta trasferimenti elettroniċi, li jammontaw għal miljuni ta' dollari Amerikani, ma' Maine Global Corp, Global Staffing, u l-kumpanija li timpjega l-ġellieda Kolombjani.*

*L-evidenza bil-vidjo u dik fotografika turi li dawn il-ġellieda Kolombjani jipprovdu lill-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF) b'għarfien espert tattiku u tekniku, li jservi bħala artillerija u infanterija, bdoti tad-droni, operaturi tal-vetturi, u għalliema, b'xi wħud saħansitra jħarrġu lit-tfal biex jiġġieldu fl-RSF.*

*Il-ġellieda Kolombjani pparteċipaw f'għadd ta' battalji madwar is-Sudan, fosthom fil-belt kapitali tiegħu, Khartoum, kif ukoll f'Omdurman, Kordofan, u El Fasher*

*Individwi u entitajiet elenkati relatati*

*Alvaro Andres Quijano Becerra (SDi.012), Claudia Viviana Oliveros Forero (SDi.013)."*